

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Sib Professjonist Legali](#) > [Tipi Ta' Professjonijiet Legali](#) > France

Tipi ta' professjonijiet legali

Il-kontenut ipprovdut minn
Franza

Franza



F'din it-taqsim, issib ħarsa ġenerali lejn il-professjonijiet legali differenti.

Il-professjonijiet legali - introduzzjoni

Maġistrati

Organizzazzjoni

Fi Franza l-maġistrati professjonali (*magistrats*) huma maġistrati kkwalfikati, u huma maqsuma f'maġistrati aġġudikanti, li jaqtgħu l-kawżi legali, u l-uffiċjali legali li jaħdmu għall-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali (*ministère public or parquet*). Il-maġistrati aġġudikanti spiss jissejġu "maġistrati sedenti" (*magistrats du siège*), filwaqt li l-uffiċjali legali li jaħdmu għall-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali huma magħrufa bħala l-"prosekutur pubbliku" (*magistrats du parquet*).

Il-maġistrati aġġudikanti jiddeċiedu t-tilwim li jitressaq quddiemhom; ir-rwol tal-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali huwa li jirrappreżenta l-interess pubbliku u li jiżgura l-applikazzjoni xierqa tal-liġi. Ir-regoli li jirregolaw il-professjoni ta' maġistrat huma stabbiliti fl-Ordni (*ordonnance*) Nr 58-1270 tat-22 ta' Diċembru 1958 li tippromulga l-Liġi istituzzjonali (*loi organique*) dwar l-istatus tal-maġistratura. Skont l-Artikolu 1 ta' din l-Ordni, il-maġistrati jistgħu jinħatru bħala maġistrati aġġudikanti jew fl-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali fi stadji differenti fil-karriera tagħhom. Dan huwa magħruf bħala l-prinċipju tal-unità tal-maġistratura, prinċipju li ġie affermat mill-ġdid mill-Kunsill Kostituzzjonali, notevolment f'deċiżjoni tal-11 ta' Awwissu 1993. Il-maġistrati kollha jiffurmaw parti mill-fergħa ġudizzjarja, li hija meħtieġa mill-Artikolu 66 tal-Kostituzzjoni biex tippoteġi l-libertajiet individwali. Madankollu, hemm għadd ta' differenzi fir-regoli li jirregolawhom: il-maġistrati aġġudikanti ma humiex suġġetti għal struzzjonijiet minn kwalunkwe awtorità superjuri, u jgawdu minn garanzija taż-żamma fil-kariga, fis-sens li ma jistgħux jiġu ttrasferiti mingħajr il-kunsens tagħhom. Il-mod kif jinħatru huwa differenti wkoll: il-maġistrati aġġudikanti jinħatru bil-kunsens tal-Kunsill Suprem tal-Maġistratura (*Conseil supérieur de la magistrature*), jew fuq proposta tiegħu fil-każ ta' maġistrati aġġudikanti fil-Qorti tal-Kassazzjoni, l-ewwel presidenti tal-qrati tal-appell u l-presidenti tal-qrati; il-Kunsill Suprem tal-Maġistratura fl-aħħar għandu setgħat dixxiplinarji fuq il-maġistrati aġġudikanti kollha. L-uffiċjali legali tal-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali, min-naħa l-oħra, jinħatru wara konsultazzjoni mal-Kunsill Suprem tal-Maġistratura, u l-Ministru għall-Ġustizzja huwa responsabbli biex iressaq nominazzjonijiet u jeżerċita setgħat dixxiplinarji.

Ħafna mill-maġistrati jiġu rekrutati b'eżami kompetittiv (*concours*). Sabiex jagħmlu l-ewwel eżami kompetittiv miftuħ għall-istudenti, il-kandidati jrid ikollhom lawrja li tikkonferma li temmew mill-inqas erba' snin ta' edukazzjoni ogħla, sal-livell tal-master. Il-kandidati li jirnexxu jinħatru bħala mħallfin apprendisti (*auditeurs de justice*), u mbagħad kollha jirċievu l-istess taħriġ, mogħti mill-kulleġġ nazzjonali tal-maġistratura ta' Franza (*École nationale de la magistrature* — ENM). Hemm ukoll kanali għad-dħul dirett fil-maġistratura. Fi tmiem it-taħriġ tagħhom fl-ENM, il-maġistrati apprendisti jinħatru f'qorti jew uffiċċju tal-Avukat Ġenerali b'digriet (*décret*).

Minbarra l-funzjonijiet ġudizzjarji tagħhom, il-kapijiet tal-qrati (il-President u l-Avukat Ġenerali, jew l-Ewwel President u l-Prosekutur Ġenerali, skont il-qorti) għandhom ukoll dmirijiet amministrattivi, pereżempju rigward l-iskedar tas-seduti.

Fl-1 ta' Jannar 2018 kien hemm 8 412-il maġistrat prattikanti, li minnhom 7 881 kienu qed iservu fil-qrati jew fl-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali.

Il-Kunsill Suprem tal-Maġistratura

Il-Kunsill Suprem tal-Maġistratura (*Conseil supérieur de la magistrature* — CSM) huwa previst mill-Artikolu 65 tal-Kostituzzjoni. Il-Liġi Kostituzzjonali tat-23 ta' Lulju 2008 biddlet il-kompożizzjoni tal-Kunsill Suprem u l-poteri tiegħu fir-rigward tal-ħatriet, u għamlet provvediment għal każijiet li għandhom jiġu riferuti lil mil-litiganti. Il-President tar-Repubblika issa ma għadux membru tas-CSM.

Id-diviżjoni tal-Kunsill b'għurizdizzjoni fuq il-maġistrati aġġudikanti hija ppreseduta mill-Ewwel President tal-Qorti tal-Kassazzjoni. Din tinkludi wkoll ħames maġistrati aġġudikanti, uffiċjal legali wieħed tal-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali, membru wieħed tal-Kunsill tal-Istat (*Conseil d'État*) maħtur mill-Kunsill tal-Istat, avukat wieħed (*avocat*), u sitt persuni kwalifikati li ma jagħmlux parti mill-leġiżlatura, mill-qrati ordinarji jew mill-qrati amministrattivi. Il-President tar-Repubblika, il-president tal-Kamra Inferjuri tal-Parlament (*Assemblée nationale*) u l-president tas-Senat kull wieħed jaħtar żewġ persuni kwalifikati.

Id-diviżjoni tal-Kunsill b'għurizdizzjoni fuq l-uffiċjali legali tal-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali hija ppreseduta mill-Prosekutur Ġenerali (*procureur général*) fil-Qorti tal-Kassazzjoni. Tinkludi wkoll ħames uffiċjali legali tal-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali u maġistrat aġġudikanti wieħed, flimkien mal-membri tal-Kunsill tal-Istat, l-avukat u s-sitt persuni kwalifikati diġà msemmija.

Id-diviżjoni tal-Kunsill b'għurizdizzjoni fuq il-maġistrati aġġudikanti tressaq nominazzjonijiet għall-karigi ta' maġistrati aġġudikanti fil-Qorti tal-Kassazzjoni, l-ewwel presidenti tal-qrati tal-appell (*cours d'appel*), u l-presidenti tal-qrati reġjonali (*tribunaux de grande instance*). Maġistrati aġġudikanti oħra jistgħu jinħatru biss bil-kunsens tagħha.

Din id-diviżjoni taġixxi bħala bord dixxiplinarju għall-maġistrati aġġudikanti. F'dik il-kapaċità tinkludi lill-maġistrat aġġudikanti li jippresjedi fid-diviżjoni tal-Kunsill b'għurizdizzjoni fuq l-uffiċjali legali tal-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali.

Id-diviżjoni tal-Kunsill b'għurizdizzjoni fuq l-uffiċjali legali tal-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali tagħti l-opinjoni tagħha dwar il-ħatriet ta' dawn l-uffiċjali legali. Tagħti wkoll l-opinjoni tagħha dwar il-miżuri dixxiplinarji meħuda fir-rigward ta' uffiċjali legali. F'dik il-kapaċità, minbarra l-membri msemmija fit-tielet paragrafu tal-Artikolu 65, tinkludi l-uffiċjal legali tal-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali li jokkupa kariga fid-diviżjoni tal-Kunsill b'għurizdizzjoni fuq il-maġistrati aġġudikanti.

L-uffiċċju tal-Avukat Ġenerali

Organizzazzjoni

L-uffiċjali legali tal-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali huma meħtieġa jaġixxu fl-interessi tas-soċjetà, li huma jirrappreżentaw meta jfittxu li tiġi applikata l-liġi.

Bl-eċċezzjoni tal-uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali (*parquet général*) fil-Qorti tal-Kassazzjoni, li huwa separat, l-Uffiċċji tal-Avukati Ġenerali ta' Franza jiffurmaw piramida ġerarkika taħt l-awtorità tal-Ministru għall-Ġustizzja. L-Artikolu 30 tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali jipprevedi li l-Ministru għall-Ġustizzja għandu jmexxi l-politika tal-ġustizzja kriminali determinata mill-gvern. Il-Ministru għandu jiżgura li din il-politika tiġi applikata b'mod konsistenti fil-pajjiż kollu. Għal dan l-għan, il-Ministru jista' jagħti struzzjonijiet ġenerali lill-uffiċjali legali tal-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali rigward il-politika tal-ġustizzja kriminali.

F'kull qorti reġjonali (*tribunal de grande instance*), hemm Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali, immexxi minn Avukat Ġenerali (*procureur de la République*) u magħmul minn bosta uffiċjali legali li jagħtu rendikont lil jew lilha. L-Avukat Ġenerali jmexxi l-uffiċċju, iqassam il-kompiti u d-dipartimenti fost id-deputati uffiċjali tal-Avukati Ġenerali (*procureurs adjoints*), il-viċi uffiċjali tal-Avukati Ġenerali (*vice-procureurs*) u l-assistenti uffiċjali tal-Avukati Ġenerali (*substituts*). Min-naħa tiegħu l-Avukat Ġenerali li jmexxi dak l-uffiċċju jaħdem taħt is-superviżjoni u d-direzzjoni tal-Prosekutur Ġenerali (*procureur général*).

Minkejja din l-istruttura ġerarkika, l-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali huwa meqjus bħala unità indiviżibbli: assistent ma għandux bżonn awtorità minn superjur biex jaġixxi, u l-atti kollha tiegħu jew tagħha jorbtu lill-Uffiċċju tal-

Avukat Ġenerali kollu kemm hu.

Rwol u funzjonijiet

Il-funzjonijiet tal-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali huma essenzjalment ikkonċernati bl-infurzar tal-liġi kriminali. Jiddiriegħi l-investigazzjonijiet, u jieħu l-passi kollha meħtieġa biex jipproċedi kontra reati, jew jara li jittieħdu l-passi biex isir dan. Għandu d-diskrezzjoni li jiddeċiedi liema azzjoni għandha tittieħed f'każijiet kriminali (eż. il-ftuħ ta' inkjesta ġudizzjarja preliminari (*ouverture d'une information judiciaire*), it-tqegħid taħt att ta' akkuża (*renvoi devant une juridiction de jugement*), jew l-għeluq tal-proċeduri (*classement sans suite*)). Huwa meħtieġ li jidher għas-seduta fil-qorti; l-uffiċjal legali li jidher huwa liberu li jagħmel is-sottomissjonijiet orali li jqis li jwasslu l-aktar għall-amministrazzjoni xierqa tal-ġustizzja (dwar il-fatti, il-karattru tal-akkużat, u s-sentenza). L-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali jiżgura wkoll li s-sentenzi jiġu eżegwiti.

L-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali huwa responsabbli għall-protezzjoni tal-minorenni li jkunu f'riskju, u għandu ċerti funzjonijiet ċivili (li jikkonċernaw, pereżempju, l-istatus ta' individwi fir-reġistri tat-twelid, taż-żwiġijiet u tal-imwiet), funzjonijiet amministrattivi (eż. fir-rigward ta' djar pubbliċi, l-istampa perjodika, jew il-kummerċjalizzazzjoni diretta) u funzjonijiet kummerċjali (eż. fir-rigward ta' xi proċeduri ta' insolvenza).

Ir-rwol u l-funzjonijiet tal-maġistrati aġġudikanti huma spjegati fil-paġna fuq il-qrati ordinarji.

Imħallfin lajċi (*juges non professionnels*)

Maġistrati lajċi maħtura temporanjament (*magistrats exerçant à titre temporaire*)

Sabiex l-amministrazzjoni tal-ġustizzja titqarreb lejn il-komunità, rappreżentant tas-soċjetà ċivili jista' jiġi reklutat bħala maġistrat lajk maħtur temporanjament (*maġistrat exerçant à titre temporaire* - MTT) biex jipprovdi assistenza temporanja lis-sistema tal-ġustizzja skont l-Artikoli 41-10 *et seq.* tal-Ordni (*ordonnance*) Nru 58-1270 tat-22 ta' Diċembru 1958 li tippromulga l-Liġi istituzzjonali (*loi organique*) dwar l-istatus tal-maġistratura, kif emendata.

Karatteristika speċifika ta' dan ir-rwol hija li l-maġistrati lajċi maħtura temporanjament jistgħu, għal terminu wieħed, iwettqu d-dmirijiet ta' maġistrat tal-qorti distrettwali, maġistrat tal-qorti tal-pulizija u/jew assessur f'kawżi mismugħa minn bord ta' tliet maġistrati fil-qrati reġjonali waqt li jkomplu wkoll attività professjonali li hija kompatibbli mad-dmirijiet tagħhom fil-qorti.

Iż-żieda riċenti fin-numru ta' maġistrati lajċi maħtura temporanjament hija konsegwenza diretta tal-għejbien tal-qrati tal-imħallfin lokali (*juges de proximité*), oriġinarjament imwaqqa b'liġi tad-9 ta' Settembru 2002, skont l-Artikolu 15 tal-Liġi Nru 2016-1547 tat-18 ta' Novembru 2016 dwar l-immodernizzar tas-sistema tal-ġustizzja għas-seklu 21 u tad-Digriet Nru 2017-683 tat-28 ta' April 2017.

Il-Liġi Istituzzjonali (*loi organique*) Nru 2016-1090 tat-8 ta' Awwissu 2016, li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2017, għaqqdet ir-rwoli ta' mħallef lokali u maġistrat lajk maħtur temporanjament (MTT).

Il-maġistrati lajċi maħtura temporanjament jiġu reklutati regolarmet abbażi ta' fajl ta' applikazzjoni (minflok eżami kompetittiv).

Il-kundizzjonijiet ta' aċċess għar-rwol ta' maġistrat onorarju maħtur temporanjament

Irid ikollu ċittadinanza Franċiża, ikollu bejn 35 u 75 sena, igawdi drittijiet sħaħ bħala ċittadin, ikun ta' karattru tajjeb, jissodisfa kwalunkwe rekwiżit ta' servizz nazzjonali u jkun fiżikament f'saħħtu biex iwettaq id-dmirijiet meħtieġa, waqt li jittieħed kont ta' kwalunkwe akkomodazzjoni li tista' ssir għad-diżabilitajiet.

L-applikanti jridu jissodisfaw ukoll waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

- ikollhom lawrja li tikkonferma li temmew mill-inqas erba' snin ta' edukazzjoni ulterjuri (jew kwalifika ekwivalenti) u jkollhom evidenza ta' esperjenza professjonali ta' mill-inqas seba' snin li tikkwalifikawhom biex iwettqu dmirijiet ġudizzjarji
- ikunu direttur* tar-Reġistru tal-Qorti u jkollhom evidenza ta' servizz ta' seba' snin bħala skrivan tal-qorti
- ikun uffiċjal taċ-ċivil tal-kategorija A fil-Ministeru għall-Ġustizzja** u jkollu evidenza ta' servizz ta' mill-

inqas seba' snin f'din il-kapaċità

- ikunu membru jew ex membru ta' professjoni legali jew ġudizzjarja li hija rregolata jew li t-titlu tagħha huwa protett, u jkollhom evidenza ta' prattika professjonali ta' mill-inqas ħames snin.

L-istatus tal-maġistrati onorarji maħtura temporanjament

Id-diviżjoni tal-Kunsill Suprem tal-Maġistratura b'ġuriżdizzjoni fuq maġistrati aġġudikanti tagħti opinjoni dwar il-kandidati proposti mill-Ministru għall-Ġustizzja.

Il-maġistrati lajċi maħtura temporanjament, maħtura b'digriet (*décret*) tal-President tar-Repubblika, huma suġġetti għar-regoli li jirregolaw lill-maġistrati kkwalfikati.

Huma jiġu maħtura għal perjodu ta' ħames snin, li jista' jiġġedded darba, u ma jistgħux jeżerċitaw id-dmirijiet tagħhom lil hinn mill-età ta' 75 sena.

Huma jistgħu jwettqu attività professjonali flimkien mad-dmirijiet tagħhom fil-qorti, sakemm din ma tkunx inkluża fil-lista ta' attivitajiet inkompatibbli fil-fajl tal-applikazzjoni.

Id-dmirijiet tal-maġistrati lajċi maħtura temporanjament

Il-maġistrati lajċi maħtura temporanjament iwettqu d-dmirijiet li ġejjin:

- Fil-qorti reġjonali, huma jisimgħu tilwim ċivili u kriminali bħala assessuri f'bord ta' tliet maġistrati. Huma jistgħu jivvalidaw soluzzjonijiet f'kawżi kriminali fil-limitu ta' terz tax-xogħol tal-qorti impost fuqhom. Huma jippresjedu wkoll fil-qorti tal-pulizija biex jisimgħu għadd limitat ta' kawżi li jinvolvu l-ewwel erba' kategoriji ta' reati tat-traffiku u l-ħames kategorija għall-multi fissi, u biex jipproċessaw ordnijiet ta' piena għar-reati msemmija hawn fuq.
- Fil-qorti distrettwali, huma jisimgħu kawżi ċivili sa limitu ta' terz tax-xogħol tal-qorti distrettwali li jkunu assenjati għaliha.

It-taħriġ tal-maġistrati lajċi maħtura temporanjament

Il-maġistrati lajċi maħtura temporanjament jikkompletaw għaxart ijiem ta' taħriġ teoretiku fil-kulleġġ nazzjonali tal-maġistratura (ENM).

Fuq deċiżjoni tal-Kunsill Suprem tal-Maġistratura, huma jtemmu jew perjodu ta' probation fil-qorti ta' bejn 40 u 80 jum fuq sitt xhur jew perjodu ta' taħriġ fil-qorti ta' 40 jum, li jista' jitnaqqas b'mod eċċezzjonali fid-dawl tal-esperjenza professjonali tal-kandidat.

Ir-rimunerazzjoni tal-maġistrati lajċi maħtura temporanjament

Il-maġistrati lajċi maħtura temporanjament huma mħallsa għas-servizzi mogħtija skont il-perjodu tax-xogħol maħdum.

Ir-rata unitarja għall-perjodu tax-xogħol hija ta' EUR 106.28 gross (skont il-punt tal-indiċi għas-salarji tas-settur pubbliku fl-1 ta' Frar 2017) soġġetta għal massimu ta' 300 perjodu tax-xogħol f'sena.

Il-maġistrati lajċi maħtura temporanjament ma jirċevux allowances għall-ivvjaġġar mid-dar tagħhom sal-qorti li huma assenjati għaliha.

Membri tat-tribunali industrijali

Imwaqqfa fl-1806, it-tribunali industrijali huma tribunali tal-prim'istanza speċjalizzati fis-soluzzjoni ta' tilwim individwali li jinqala' bejn impjegati jew apprendisti u impjegaturi b'rabta mal-kuntratti tagħhom. Il-maġistrati (membri) tat-tribunali industrijali jiġu mill-industrija u l-kummerċ.

Is-sistema tat-tribunali industrijali hija bbażata fuq l-idea li r-relazzjonijiet tax-xogħol, speċifiċi u kumplessi min-natura tagħhom, jeħtieġu eżami minn maġistrat b'esperjenza ta' relazzjonijiet bħal dawn, kemm jekk bħala impjegat jew bħala impjegatur.

It-tribunali industrijali għalhekk neċessarjament jinkludu għadd ugwali ta' rappreżentanti tal-impjegati u tal-

impjegaturi (bordijiet konġunti). Il-membri tat-tribunal huma maqsuma f'żewġ kulleġġi (impjegati u impjegaturi) u ħames diviżjonijiet speċjalizzati (industrija, kummerċ, agrikoltura, attivitajiet varji u tmexxija).

L-14 512-il membru jwettqu dmirijiethom f'210 tribunal industrijali fi Franza metropolitana u fit-territorji extra-Ewropej u jittrattaw madwar 142 500 kawża fis-sena.

Il-kompitu primarju tagħhom huwa l-konċiljazzjoni tal-partijiet u, fin-nuqqas ta' dan, li jiddeċiedu dwar it-tilwim bejniethom.

Il-metodu tal-ħatra

Mill-1979 'il quddiem, il-membri tat-tribunali industrijali ġew eletti minn sħabhom kull ħames snin f'elezzjonijiet ġenerali b'vot universali dirett. Minħabba l-ammont ta' votanti li qed jonqos u, konsegwentement, il-leġittimità li qed tonqos tas-sistema tat-tribunal industrijali, ġew investigati metodi ġodda ta' ħatra tal-membri tat-tribunal.

Għaldaqstant l-Ordni (*ordonnance*) Nru 2016-388 tal-31 ta' Marzu 2016, filwaqt li kkonfermat in-natura speċifika tas-sistema tat-tribunal industrijali, issostitwiet il-votazzjoni diretta b'ħatra fuq proposta mit-trade unions u mill-assoċjazzjonijiet tal-impjegaturi, wara kalkolu tar-rappreżentattività tagħhom matul il-proċedura stabbilita biex tkejjel ir-rappreżentattività tat-trade unions u tal-organizzazzjonijiet tal-impjegaturi.

Issa hemm ċiklu ġenerali ta' ħatra għal membri tat-tribunali industrijali kull erba' snin. Il-ħatra hija b'ordni konġunta (*arrêté*) tal-Ministri għall-Ġustizzja u l-Impjegati. Karigi li jibqgħu vojta matul il-mandat huma ppubblikati b'ħala parti minn ċikli supplimentari ta' ħatriet u jimtlew bl-istess proċedura b'ħaċ-ċikli ġenerali.

Taħriġ

Il-Liġi Nru 2015-990 tas-6 ta' Awwissu 2015 dwar it-*tkabbir*, l-attività u l-opportunitajiet ekonomiċi ugwali fittxet li ttejjeb l-istatus professjonali tal-membri ta' tribunal industrijali, b'mod partikolari billi introduċiet taħriġ inizjali u kontinwu obligatorju.

Il-membri tat-tribunali industrijali għalhekk isegwu taħriġ inizjali obligatorju qabel ma jibdedu id-dmirijiet ġudizzjarji tagħhom, u taħriġ kontinwu.

It-taħriġ inizjali huwa l-istess għall-membri li jirrappreżentaw lill-impjegaturi u għal dawk li jirrappreżentaw lill-impjegati. Huwa organizzat u mogħti mill-kulleġġ nazzjonali tal-maġistratura (ENM) u jinkludi diversi moduli teoretiċi u prattiċi b'tul totali ta' ħamest ijiem. Kull membru ta' tribunal industrijali li ma jtemmx it-taħriġ inizjali fi żmien 15-il xahar mill-ewwel jum tat-tieni xahar wara l-ħatra tiegħu huwa meqjus li rriżenja.

Il-membri tat-tribunali industrijali għandhom ukoll sitt ġimgħat ta' taħriġ kontinwu matul il-mandat tagħhom ta' erba' snin. Il-Ministeru għax-Xogħol huwa responsabbli biex jagħti dan it-taħriġ.

Regoli ta' kondotta

Il-membri tat-tribunali industrijali jieħdu ġurament. Huma soġġetti għar-regoli ta' kondotta li japplikaw għall-maġistrati: l-indipendenza, l-imparzjalità, id-dinjità u l-onestà, u għandhom iġibu ruħhom b'tali mod li jneħħu kull dubju leġittimu f'dan ir-rigward. Huma marbuta wkoll bil-kunfidenzjalità tal-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet.

Id-Digriet Nru 2016-1948 tat-28 ta' Diċembru 2016 dwar l-etika professjonali u l-proċeduri dixxiplinari għall-membri tat-tribunali industrijali, adottat b'applikazzjoni tal-Liġi Nru 2015-990 tas-6 ta' Awwissu 2015 dwar it-*tkabbir*, l-attività u l-opportunitajiet ekonomiċi indaqs, daħħal Artikolu ġdid R.1431-3-1 fil-Kodiċi tax-Xogħol, li jinkariga lill-Kunsill Suprem tal-Membri tat-Tribunali Industrijali (*Conseil supérieur de la prud'homie*) bil-kompitu li jfassal kodiċi ta' kondotta għall-membri tat-tribunal, li jrid jiġi ppubblikat.

Il-kodiċi ta' kondotta ġie approvat mill-Kunsill Suprem tal-Membri tat-Tribunali Industrijali fis-26 ta' Jannar 2018.

Status

Il-membri tal-qorti industrijali li jservu jgawdu l-istatus ta' impjegat protett, li jfisser li ma jistgħux jitkeċċew mingħajr l-awtorizzazzjoni minn qabel tal-ispettorat tax-xogħol, u d-dritt li jkunu assenti matul il-ħinijiet tax-xogħol tagħhom.

Tali assenzi jgħoddu bħala ħin tax-xogħol effettiv u bħala tali huma remunerati mill-impjegatur u koperti mis-sigurtà soċjali. Il-ħin mgħoddi fuq ix-xogħol għat-tribunal industrijali matul il-ħinijiet tax-xogħol għaldaqstant ma jinvolvi l-ebda telf mis-salarju jew mill-benefiċċji. L-impjegatur jitħallas lura għas-salarju mill-Istat.

Ir-rappreżentanti tal-impjegaturi u l-impjegati fit-tribunal li ma humiex fil-kategorija ta' hawn fuq (dawk li jfittxu xogħol, pensjonanti, membri li jservu fit-tribunal barra mill-ħinijiet tax-xogħol tagħhom) jitħallsu għall-perjodi ta' xogħol tagħhom b'rata stabbilita b'ordni leġiżlattiva (*décret*).

L-ispejjeż tal-ivvjaġġar tagħhom jistgħu jiġu rimborżati wkoll.

Il-maġistrati tal-qrati tal-kummerċ

Hemm 134 qorti tal-kummerċ tal-prim'istanza mifruxa madwar Franza metropolitana, minbarra Alsace-Moselle (fejn diviżjoni tal-qorti reġjonali tittratta tilwim kummerċjali skont eċċezzjoni taħt il-liġi lokali), u disa' qrati tal-kummerċ mħallta fit-territorji extra-Ewropej.

Il-qrati tal-kummerċ jisimgħu tilwim bejn kummerċjanti, jew bejn kummerċjanti u kumpaniji kummerċjali, u tilwim dwar tranżazzjonijiet kummerċjali.

L-imħallfin tal-qrati tal-kummerċ (*juges consulaires*) huma negozjanti jew maniġers ta' kumpaniji. Għalhekk għandhom esperjenza professjonali fin-negozju.

Bħalissa hemm aktar minn 3 400 maġistrat tal-qorti tal-kummerċ.

Huma jiġu eletti mill-pari tagħhom f'elezzjoni annwali f'żewġ stadji.

Huma jkunu eletti għal terminu inizjali ta' sentejn. Imbagħad jistgħu jerġgħu jiġu eletti għal termini ta' erba' snin fl-istess qorti jew fi kwalunkwe qorti tal-kummerċ oħra, soġġett għal limitu ta' erba' termini, ħlief għall-president uxxenti, li jista' jerġa' jiġi elett għall-ħames mandat bħala membru tal-bord biss.

Huma jieħdu ġurament u huma soġġetti għall-istess kodiċi ta' kondotta bħall-maġistrati professjonali.

Huma jservu bħala voluntiera. Biex iservu jridu jkunu disponibbli u jkunu ppreparati li jieħdu impenn personali, b'mod partikolari billi jieħdu sehem f'taħriġ indispensabbli inizjali u kontinwu.

Il-Liġi 2016-1547 tat-18 ta' Novembru 2016 dwar l-immodernizzar tas-sistema tal-ġustizzja għas-seklu 21 introduċiet riforma maġġuri tal-istatus tal-maġistrati tal-qorti tal-kummerċ. B'mod partikolari, irrevediet id-dispożizzjonijiet dwar il-kodiċi ta' kondotta u l-proċeduri dixxiplinari tagħhom u tejbet l-istatus professjonali tagħhom billi introduċiet taħriġ obligatorju inizjali u kontinwu mogħti mill-kulleġġ nazzjonali tal-maġistratura.

Assessuri fit-tribunali tas-sigurtà soċjali

L-assessuri fit-tribunali tas-sigurtà soċjali (*tribunaux des affaires de la sécurité sociale*) jinħatru għal tliet snin mill-ewwel president tal-qorti tal-appell, minn lista sottomessa għat-tribunal partikolari mid-direttur reġjonali għaż-żgħażagħ, l-isport u l-koeżjoni soċjali wara nominazzjonijiet mill-aktar organizzazzjonijiet kummerċjali u professjonali rappreżentattivi.

Il-Liġi tat-18 ta' Novembru 2016 dwar l-immodernizzar tas-sistema tal-ġustizzja għas-seklu 21 neħniet it-tribunali tas-sigurtà soċjali u ttrasferiet il-kawżi tagħhom mill-1 ta' Jannar 2019 lil qrati reġjonali maħtura apposta. L-assessuri se jisimgħu l-kawżi hemmhekk.

Assessuri fit-tribunali tad-diżabilità

L-assessuri fit-tribunali tad-diżabilità (*tribunaux des affaires de la sécurité sociale*) jinħatru għal tliet snin mill-ewwel president tal-qorti tal-appell b'ġuriżdizzjoni fil-qasam, mid-direttur reġjonali għaż-żgħażagħ, l-isport u l-koeżjoni soċjali minn listi mfassla wara nominazzjonijiet mill-aktar organizzazzjonijiet kummerċjali u professjonali rappreżentattivi.

Il-Liġi tat-18 ta' Novembru 2016 dwar l-immodernizzar tas-sistema tal-ġustizzja għas-seklu 21 neħniet it-tribunali tad-diżabilità u ttrasferiet il-kawżi tagħhom mill-1 ta' Jannar 2019 lil qrati reġjonali maħtura apposta. L-assessuri

se jisimgħu l-kawżi hemmhekk.

Assessuri fuq bordijiet tal-qrati reġjonali għal kwistjonijiet ta' sigurtà soċjali

Mill-1 ta' Jannar 2019 dawn l-assessuri jippresjedu fuq il-bordijiet tal-qorti reġjonali maħtura apposta biex jisimgħu tilwim dwar is-sigurtà soċjali u l-assistenza soċjali.

Huma maħtura għal terminu ta' tliet snin mill-ewwel president tal-qorti tal-appell, wara konsultazzjoni mal-president tal-qorti reġjonali, minn listi mfassla għall-qorti partikolari mill-prefett wara nominazzjonijiet mill-aktar organizzazzjonijiet kummerċjali u professjonali rappreżentattivi.

Il-kandidati jridu jkunu ċittadini Franċiżi, irid ikollhom 23 sena jew aktar, iridu jissodisfaw il-kundizzjonijiet biex iservu bħala membru tal-ġurija, ma jridux ikunu nstabu ħatja ta' reat taħt il-Kodiċi Rurali u tas-Sajd Marittimu jew il-Kodiċi tas-Sigurtà Soċjali u ma jridux ikunu membri ta' bord ta' organizzazzjoni tas-sigurtà soċjali jew assoċjazzjoni reċiproka. Id-dmirijiet tagħhom huma kompatibbli mad-dmirijiet tal-membri ta' tribunal industrijali.

Assessuri fil-qrati tal-minorenni

L-assessuri fil-qrati tal-minorenni (*tribunaux pour enfants*) huma maħtura għal erba' snin mill-Ministru għall-Ġustizzja minn lista ta' kandidati sottomessa mill-ewwel president tal-qorti tal-appell li magħha hija marbuta l-qorti tal-minorenni.

Il-kandidati jridu jkunu ċittadini Franċiżi, irid ikollhom 30 sena jew aktar u jrid ikollhom interess partikolari, fi kwalunkwe kapaċità, fi kwistjonijiet li jikkonċernaw liż-żgħażaġħ.

Assessuri fit-tribunali tal-art agrikola

L-assessuri fit-tribunali tal-art agrikola (*tribunaux paritaires des baux ruraux*) jinħatru għal terminu ta' sitt snin mill-ewwel president tal-qorti tal-appell minn listi mfassla għat-tribunal partikolari mill-prefett wara nominazzjonijiet mill-aktar organizzazzjonijiet professjonali jew tas-sidien tal-art rappreżentattivi.

Dawn jinkludu sidien li ma humiex ukoll inkwilini, u inkwilini li ma humiex ukoll sidien, maqsuma fejn xieraq f'żewġ taqsimiet ta' tribunal konġunt, waħda li tinkludi sidien u inkwilini taħt ftehim ta' kiri, u l-oħra, sidien u inkwilini taħt ftehim ta' mezzadrija.

Il-kandidati jridu jkunu ċittadini Franċiżi, irid ikollhom 26 sena jew aktar, ma jridux ikunu mċaħħda mid-drittijiet ċivili, ċiviċi jew professjonali tagħhom u jridu jkunu sid jew kerrej taħt ftehim ta' kera jew ta' mezzadrija għal mill-inqas ħames snin.

Skrivani tal-qorti

L-iskrivani tal-qorti (*greffiers*) huma speċjalisti fil-proċedura legali li jassistu lill-maġistrati fit-tfassil tad-dokumenti tal-qorti u huma responsabbli għall-awtentikazzjoni tal-atti tal-qorti, fejn il-liġi teħtieġ dan.

L-iskrivani tal-qorti jaħdmu id f'id mal-maġistrat, jgħinu fit-tħejjija u jipproċessaw il-każijiet u jwettqu riċerka legali. Skont l-istruzzjonijiet tal-maġistrati, huma jabbozzaw deċiżjonijiet u eċċezzjonijiet. Bħala parti mill-għoti ta' servizzi ta' informazzjoni u assistenza lill-pubbliku, l-iskrivani jistgħu jiġu inkarigati li jipprovdu informazzjoni, gwida jew assistenza lill-utenti fit-tlestija ta' formalitajiet jew proċeduri ġudizzjarji. Jistgħu wkoll jiġu assenjati kompiti ta' taħriġ professjonali.

Ħafna mill-kompiti tal-iskrivani tal-qorti jitwettqu fl-uffiċċji differenti tal-qrati. Skont id-daqs u l-istruttura tal-qorti, l-iskrivani tal-qorti jistgħu jokkupaw karigi ta' tmexxija bħala direttur jew viċi direttur tar-Reġistru tal-Qorti jew bħala kap ta' dipartiment.

[Skrivan kap](#)  (378 Kb) 

[Skrivan](#)  (375 Kb) 

Fl-1 ta' Jannar 2018, id-Dipartiment tar-riżorsi umani fir-reġistri tal-qorti tal-Ministeru għall-Ġustizzja kien qed

jimmaniġġja 10 931 impjegat, li 9 368 minnhom ġew assenjati lill-qrati.

Avukati

L-avukati (*avocats*) huma uffiċjali tal-qorti u membri ta' professjoni indipendenti li taħdem għal rasha. Ir-regoli li jirregolawhom huma fil-biċċa l-kbira stabbiliti fil-Liġi Nru 71-1130 tal-31 ta' Diċembru 1971 li tirriforma ċerti professjonijiet ġudizzjarji u legali, u l-Ordni (*décret*) Nru 91-1197 tas-27 ta' Novembru 1991 li tistabbilixxi l-professjoni ta' avukat. Il-Liġi Nru 90-1259 tal-31 ta' Diċembru 1990, li emendat il-Liġi tal-1971, flimkien mal-ordnijiet ta' implimentazzjoni tagħha, ħolqot professjoni ġdida ta' avukat (*avocat*) billi amalgamat il-professjonijiet eżistenti ta' avukat (*avocat*) u konsulent legali (*conseil juridique*). Il-Liġi tal-25 ta' Jannar 2011 li tirriforma r-rappreżentanza legali quddiem il-qrati tal-appell imbagħad għaqqdet il-funzjonijiet ta' avukat u rappreżentant legali fil-qorti tal-appell (*avoué près les cours d'appel*).

Fix-xogħol tagħhom ta' kuljum l-avukati għandhom żewġ funzjonijiet: waħda, li jassistu u jirrappreżentaw lill-klijenti fil-qorti (funzjoni ġudizzjarja) u, l-oħra, li jipprovdu konsulenza legali u jabbozzaw strumenti legali (funzjoni legali).

Skont it-Taqsima 4(1) tal-Liġi tal-31 ta' Diċembru 1971, l-avukati għandhom monopolju virtwali fuq l-assistenza u r-rappreżentanza tal-partijiet, u biex jaġixxu u jittrattaw quddiem il-qrati, l-awtoritajiet ġudizzjarji u t-tribunali dixxiplinari ta' kull tip.

Ma hemm l-ebda assoċjazzjoni nazzjonali ta' avukati, peress li l-avukati jixtiequ li l-kmamar tal-avukati kollha jkunu rappreżentati b'mod ġust. Hemm 16-il kamra tal-avukati (*barreaux*) fi Franza metropolitana u extra-Ewropea, kull waħda marbuta ma' qorti reġjonali (*tribunal de grande instance*) u kull waħda mmexxija minn president (*bâtonnier*) u diretta minn kunsill tal-kamra tal-avukati (*conseil de l'ordre*); ir-rwol tal-kunsill tal-kamra tal-avukati huwa li jittratta l-kwistjonijiet kollha li jikkonċernaw il-prattika tal-professjoni, biex jiżgura li l-avukati jissodisfaw ir-responsabbiltajiet tagħhom, u biex jipproteġi d-drittijiet tagħhom.

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Kmamar tal-Avukati (*Conseil national des barreaux* — CNB), maħluq bil-Liġi tal-31 ta' Diċembru 1990 (l-Artikolu 15), huwa korp rikonoxxut bħala li huwa ta' utilità pubblika (*établissement d'utilité publique*), u għandu personalità ġuridika; huwa responsabbli biex jirrappreżenta l-professjoni legali fi trattattivi mal-awtoritajiet pubbliċi u jfittex li jiżgura li r-regoli u l-użanzi tal-professjoni jkunu armonizzati.

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Kmamar tal-Avukati għandu sit web li jippermetti lil kulħadd ikollu aċċess bla ħlas għal informazzjoni dwar l-istruttura tal-professjoni, kwistjonijiet kurrenti li jikkonċernaw il-professjoni, u direttorju tal-avukati kollha rreġistrati mal-kmamar tal-avukati Franċiżi. Ħafna mill-kmamar tal-avukati l-kbar għandhom is-siti web tagħhom stess, li huma b'xejn u aċċessibbli għal kulħadd; l-indirizzi tagħhom jidhru fid-direttorju tal-kmamar tal-avukati disponibbli fuq is-sit web tas-CNB.

Is-CNB jipproduċi Regoli ta' Kondotta Nazzjonali permezz ta' deċiżjonijiet regolatorji ppubblikati fil-Gazzetta Uffiċjali u applikabbli direttament għall-avukati.

L-avukati fiż-żewġ qrati supremi ta' Franza, il-Kunsill tal-Istat u l-Qorti tal-Kassazzjoni, jiffurmaw professjoni separata: huma uffiċjali pubbliċi maħtura għall-karigi tagħhom b'ordni tal-Ministru għall-Ġustizzja, u meta l-partijiet iridu jkunu rrapreżentati quddiem dawk il-qrati għandhom id-dritt uniku li jittrattaw. Ir-regoli li jirregolawhom huma stabbiliti essenzjalment fl-Ordni (*ordonnance*) tal-10 ta' Settembru 1817 li tistabbilixxi l-Ordni tal-Avukati fil-Kunsill tal-Istat u l-Qorti tal-Kassazzjoni, l-Ordni (*décret*) Nru 91-1125 tat-28 ta' Ottubru 1991 dwar il-kundizzjonijiet għad-dħul fil-professjoni, u d-Digriet (*décret*) Nru 2002-76 tal-11 ta' Jannar 2002 dwar ir-regoli dixxiplinarji li jirregolaw il-professjoni.

L-avukati fil-qrati supremi jiffurmaw kamra tal-avukati jew ordni separata, immexxija minn president, li huwa assistit minn kunsill tal-kamra tal-avukati magħmul minn 11-il membru. Dan il-korp huwa responsabbli biex jiżgura d-dixxiplina professjonali, u jirrappreżenta l-professjoni.

Is-sit web tal-[Ordni tal-Avukati fil-Kunsill tal-Istat u l-Qorti tal-Kassazzjoni](#) jipprovdi aktar dettalji.

Hemm bażi tad-*data* għal dan il-qasam?

Hemm bażi tad-*data*, immaniġġjata mill-Kunsill Nazzjonali tal-Kmamar tal-Avukati, li tkopri l-lista tal-avukati li

jidhru fuq l-elenki ta' kull kamra tal-avukati fi Franza.

L-aċċess għal din l-informazzjoni huwa mingħajr ħlas?

L-aċċess għall-bażi tad-data fuq is-sit web tal-[Kunsill Nazzjonali tal-Kmamar tal-Avukati](#) huwa mingħajr ħlas.

In-nutara

Organizzazzjoni

In-nutar (*notaire*) huwa uffiċjal legali pubbliku maħtur b'ordni (*arrêté*) tal-Ministru għall-Ġustizzja. In-nutara madankollu joperaw bħala prattikanti ta' professjoni indipendenti li taħdem għal rasha. Ir-regoli li jirregolaw il-professjoni huma stabbiliti prinċipalment fil-Liġi tal-25 Ventôse Sena XI (datata skont il-Kalendarju Repubblikan Franċiż); l-Ordni (*ordonnance*) Nru 45-2590 tat-2 ta' Novembru 1945; l-Ordni (*décret*) Nru 45-0117 tad-19 ta' Diċembru 1945 dwar l-organizzazzjoni tal-professjoni ta' nutar; l-Ordni (*décret*) Nru 73-609 tal-5 ta' Lulju 1973 dwar it-taħriġ professjonali u l-kundizzjonijiet biex wieħed jidħol fil-professjoni ta' nutar; u l-Ordni (*décret*) Nru 78-262 tat-8 ta' Marzu 1978 li tistabbilixxi l-iskeda tat-tariffi tan-nutara.

Il-professjoni hija organizzata fi kmamar tan-nutara fil-livell tad-départements u f'kunsilli fil-livell reġjonali, li huma responsabbli biex jirregolaw u jiddixxiplinaw in-nutara miż-żoni tagħhom stess. Fir-relazzjonijiet mal-awtoritajiet nazzjonali l-professjoni hija rrappreżentata mill-Kunsill Suprem tan-Nutara (*Conseil supérieur du notariat*).

Minbarra r-rwol tiegħu fir-rappreżentanza tal-professjoni fi ftehimiet ma' awtoritajiet pubbliċi, il-Kunsill Suprem tan-Nutara għandu l-kompitu li jipprevjeni u jsolvi tilwim professjonali bejn nutara li ma jappartjenux għall-istess kunsill reġjonali. Il-[Kunsill Suprem tan-Nutara](#) għandu sit web b'xejn li jistabbilixxi l-karatteristiċi ewlenin tal-professjoni u fih direttorju tan-nutara u l-kmamar u l-kunsilli tagħhom fid-départements u r-reġjuni.

Rwol u funzjonijiet

In-nutara għandhom is-setgħa li joħorġu dokumenti awtentikati, li mbagħad ikunu eżegwibbli mingħajr ma jkollhom għalfejn jiksbu ordni tal-qorti.

Huma għandhom ukoll il-kompitu li jagħtu pariri lil individwi u negozji, kemm jekk b'konnessjoni mal-abbozzar ta' dokumenti uffiċjali u kemm jekk le, u flimkien man-negozju ewlieni tagħhom jista' jkollhom sehem fl-amministrazzjoni ta' assi u tranżazzjonijiet ta' proprjetà.

Professjonijiet ġuridiċi oħra

Uffiċjali ġudizzjarji

L-uffiċjali ġudizzjarji (*huissiers de justice*) huma uffiċjali legali pubbliċi maħtura b'ordni (*arrêté*) tal-Ministru għall-Ġustizzja. Huma madankollu joperaw bħala prattikanti ta' professjoni indipendenti libera. Ir-regoli li jirregolaw il-professjoni huma stabbiliti prinċipalment fil-Liġi tas-27 ta' Diċembru 1923, l-Ordni (*ordonnance*) Nru 45-2592 tat-2 ta' Novembru 1945, l-Ordni (*décret*) Nru 56-222 tad-29 ta' Frar 1956, u l-Ordni (*décret*) Nru 75-770 tal-14 ta' Awwissu 1975.

Huma biss għandhom l-awtorizzazzjoni li jinnotifikaw dokumenti tal-qorti u jeżegwixxu ordnijiet tal-qorti u ordnijiet jew strumenti eżegwibbli. Barra minn hekk jistgħu, jew fuq kummissjoni mill-qrati jew fuq talba ta' individwi, ifasslu rapporti li jagħmlu sejbiet uffiċjali. Flimkien mal-kompitu ewlieni tagħhom huma awtorizzati wkoll li jaġixxu bħala medjaturi, amministraturi tal-proprjetà jew aġenti tal-assigurazzjoni, sakemm l-ewwel jinfurmaw lill-kamra reġjonali tal-uffiċjali ġudizzjarji tagħhom u lill-Prosekutur Ġenerali (*procureur général*) fil-qorti tal-appell għaż-żona tagħhom.

Għall-passi li jieħdu fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali fil-mandat tagħhom, l-uffiċjali ġudizzjarji huma mħallsa b'rati fissi stabbiliti fid-Digriet (*décret*) Nru 96-1080 tat-12 ta' Diċembru 1996.

Il-professjoni hija rrappreżentata minn kmamar fil-livell tad-départements u r-reġjuni fil-ġurisdizzjoni ġeografika

ta' kull qorti tal-appell. Hemm kamra nazzjonali li tirrappreżenta l-professjoni kollha fin-negozjati mal-awtoritajiet pubbliċi, u ssolvi tilwim bejn il-kmamar u bejn uffiċjali ġudizzjarji li ma jappartjenux għall-istess kamra reġjonali. Il-Kamra Nazzjonali tal-Uffiċjal Ġudizzjarji għandha sit web mingħajr ħlas li jstabbilixxi l-karatteristiċi prinċipali tal-professjoni u fih direttorju tal-uffiċjali ġudizzjarji.

L-Ordni (*ordonnance*) tat-2 ta' Ġunju 2016 ħolqot professjoni ġdida tal-uffiċjal ta' eżekuzzjoni tal-qorti (*commissaire de justice*) biex tissostitwixxi, mill-1 ta' Lulju 2022 'il quddiem, il-professjonijiet ta' uffiċjal ġudizzjarju u ta' uffiċjal tas-subbasta (*commissaire-priseur judiciaire*).

L-Ordni tistabbilixxi r-regoli li jirregolaw l-uffiċjali ta' eżekuzzjoni tal-qorti u tipprevedi li l-professjoni l-ġdida tiddaħħal gradwalment sal-1 ta' Lulju 2022 permezz ta' arranġamenti tranżitorji. Peress li r-rwoli ta' uffiċjal ġudizzjarju u uffiċjal tas-subbasta huma parzjalment simili u kumplementari, ġie deċiż li tiġi razzjonalizzata l-organizzazzjoni attwali tal-professjonijiet u jingħaqdu fi professjoni waħda ta' uffiċjal ta' eżekuzzjoni tal-qorti.

Ir-regoli li jirregolaw l-uffiċjal ta' eżekuzzjoni tal-qorti se jkunu kompletament applikabbli mill-1 ta' Lulju 2022. Mill-1 ta' Lulju 2026, se tissostitwixxi kompletament il-professjonijiet ta' qabel: l-uffiċjali ġudizzjarji u l-uffiċjali tas-subbasta li ma jkunux għamlu taħriġ speċifiku biex jikkwalifikaw bħala uffiċjal ta' eżekuzzjoni tal-qorti ma jibqgħux jipprattikaw. Mill-1 ta' Jannar 2019, il-Kamra Nazzjonali tal-Uffiċjali ta' Eżekuzzjoni tal-Qorti (*Chambre nationale des commissaires de justice*) se tieġu post il-Kmamar Nazzjonali tal-Uffiċjali Ġudizzjarji tal-Qorti u tal-Uffiċjali tas-Subbasta rispettivament, sabiex tipprepara l-allinjament gradwali u mbagħad l-għaqda taż-żewġ professjonijiet..

Uffiċjali oħra tal-qorti

L-iskrivana tal-qrati tal-kummerċ (*greffiers de tribunaux de commerce*) huma uffiċjali legali pubbliċi li l-kompitu ewlieni tagħhom huwa li jassistu lill-membri tal-qorti tal-kummerċ waqt is-seduti u li jassistu lill-president tal-qorti fil-kompiti amministrattivi kollha tiegħu jew tagħha. Huma jamministraw ir-Reġistru tal-Qorti u jaraw li r-reġistru tal-kummerċ u tal-kumpaniji (*registre du commerce et des sociétés — RCS*) u d-direttorji tal-qorti u l-fajls jinżammu kif suppost. Huma joħorġu kopji uffiċjali, huma responsabbli għat-tqegħid tas-siġill tal-qorti, jieħdu ħsieb il-flus ippreżentati fir-Reġistru, u jfasslu dokumenti tar-Reġistru u dokumenti formali oħra fil-qasam tar-responsabbiltà tagħhom.

Il-professjoni hija rregolata mill-Artikoli L.741-1 et seq. għal R.741-1 tal-Kodiċi Kummerċjali.

Il-professjoni hija rrappreżentata f'negozjati mal-awtoritajiet mill-Kunsill Nazzjonali tal-Iskrivani tal-Qrati tal-Kummerċ (*Conseil national des greffiers des tribunaux de commerce — CNGTC*). Dan huwa korp rikonoxxut bħala ta' utilità pubblika (*établissement d'utilité publique*), u għandu personalità ġuridika; huwa responsabbli biex jirrappreżenta l-interessi kollettivi tal-professjoni. Huwa jorganizza t-taħriġ inizjali u kontinwu tal-iskrivani tal-qorti u l-persunal tar-Reġistru u l-eżamijiet professjonali, u jiffaċilita u jissorvelja l-apprendistati. Is-sit web tal-Kunsill Nazzjonali tal-Iskrivani tal-Qrati tal-Kummerċ għandu aktar informazzjoni dwar dawn il-kwistjonijiet.

[Skrivani tal-qrati tal-kummerċ](#)  (366 Kb) 

[Skrivani tal-qrati tal-kummerċ b'kuntratt tax-xogħol](#)  (366 Kb) 

Konsulenti legali/avukati interni

Il-professjoni ta' konsulent legali (*conseil juridique*) ingħaqdet mal-professjoni ta' avukat (*avocat*) skont il-Liġi Nru 90-1259 tal-31 ta' Diċembru 1990.

L-avukati (*juristes*) li ma jipprattikawx bħala avukati indipendenti (*avocats*) iżda minflok jaħdmu internament għan-negozji ma humiex suġġetti għal xi regolament professjonali speċifiku.

L-aħħar aġġornament: 10/01/2022

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull

informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.